MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Numru. 733/2009

**Il-PULIZIJA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**
**VS**
**ANTHONY ROBERT EBEJER**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Robert Ebejer ta’ 35 sena, iben Joseph u Mary nee’ Bezzina mwieled Pieta’ fis-26 ta’ Jannar 1974 u li joqghod fil-fond 103, ‘Marvic’, Triq it-Tuffieh, Naxxar u detentur ta’ karta ta’ l-identita bin-numru 106174(M).

Illi huwa akkuzat talli fin-Naxxar, nhar il-21 ta’ Lulju 2009, ghad li ma kienx wahda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (c) ta’ l-Artikolu 42 tal Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’xi mod li jkun, xjentament ghen jew assista lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat, u cioe’ serq ta’ oggetti mill-bini li jinsab fil-konfini ta’ l-‘Ex-Trade Fair Grounds’ ,

liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi s-somma ta' € 2329.37 (elf lira Maltin), bil-persuna u bil-hin u li sehh ghad-detriment tal-Kummisjoni Elettorali u / jew Socjetajiet ohra; liema reat huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-Kunsens tal- Avukat Generali (a fol 15), u tal-imputat ( a fol 14) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;
Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat

Marica Mifsud a fol. 16 et seq ezebiet il-Process Verbal DOK MM.

PS 1184 Patrick Grech (a fol. 53) ezebixxa il-relazzjoni tieghu DOK PG flimkien ma ghoxrin (20) ritratt PG1 sa PG 20.

PS 198 Arthur Debattista, *Scene of Crime Officer* fl-inkjsta DOK MM ipprezenta r-relazzjoni tieghu DOK PCX 1 u PCX 2 – zewg lozor; ezebixxa tlett (3) *lifters,* DOK PCX 3 , 4, 5 flimkien ma' sebgha u erbghin (47) ritratt mmarkati PCXY 1 sa PCXY 47.

Spettur Mallia a fol. 72, xhed illi kienet sehhet serqa ta'sitt (6) *air conditioning units* mill- Kummissjoni Elettorali f'ambjenti tat *Trade Fair Grounds* fit-22 ta' Lulju 2009. Ghalhekk kien baghad ghal Ufficjali tal-Korp li kienu ghassa dak il-lejl bejn is-6:00pm u 6:00am u cioe PC 1299 Anthony Robert Ebejer , u lill PC419 Matthew Galea li kien xoghol fil-21 ta'Lulju mis-2:00pm sa 10:00pm u lill PC 488 li kien *duty* 10:00pm sa 6:00am. Spettur Mallia xhed illi meta acceda fuq il-post, sab illi kien hemm *boundary wall* mad-dawra shiha tal-ambient – parti minnu anki

mghammar b'*fence,* apparti li kien hemm tlett (3) kancelli maghluqa.

Mill-investigazzjoni preliminari, Spettur Mallia sab li l-*air conditioning units* kienu f'posthom fil-21 ta'Lulju 2009 sas-6:30pm.

Issehjet Inkjesta.

Spettur Mallia xhed illi investiga lill-imputat u lill PC 419 Galea li nnegaw li kienu dahhlu lil xi hadd biex jiehu l-*air conditioning units*.

PC 419 Galea xhed illi PC Ebejer kien offrielu biex jitlaq d-dar aktar kmieni.

Spettur Mallia xhed li wara aktar investigazzjonijiet PC 1299 kien qallu li kien dahhal zewg persuni – Duncan Vella u Clayton Muscat li talbuh ghal tank tal-ilma. PC 1299 stqarr li kien jaf li t-tank tal-ilma kien ghar-rimi u : "jiena tajthom permess biex jitilghu jiehduh." (a fol 74 u 75) pero baqa' jinnega li kien jaf li hargu bl-*air conditioning units*. PC 1299 offra li jcempel lill Claytom Muscat u Duncan Vella halli jekk hadu xi haga jergghu jirritornawhom (a fol. 78).

Spettur Mallia xhed li kienu gew arrestati Muscat u Vella u dawn ammettew illi kienu huma li zarmaw u hadu l-*air conditioning units*. Huma stqarrew lill-Pulizija li PC 1299 kien jaf b'dan kollu u qallhom biex ihaffu ghaliex fl-10:00pm kien ser jaqleb s-*shift*. Sar konfront bejniethom u PC 1299 baqa jinnega l-involviment tieghu u li Vella u Muscat kienu qed jigdbu ghaliex kien kixifhom.

Jirrizulta in kontro ezami illi il-post fejn kienu installati l-*air conditioning units* kien ser jigi demolit. ( a fol. 77)

Spettur Mallia xhed li l-imputat cempel lil Muscat u Vella fil-prezenza tieghu. Huwa xhed li l-imputat kien gieh suspett fuqhom il ghaliex dawn kienu talbuh it-tank tal-ilma.

Fl-Istqarrija DOK MM3 a fol 83 sa a fol. 87, l-imputat xhed li kien ghassa fil-lejn in kwistjoni meta kienu tfaccaw Duncan u habib tieghu li bdew jghinuh jahsel il-karozza tieghu.

Wara xi hin, meta kien gia dalam, telqu u staqsewh jekk ridtx xi haga tal-ikel u hu ordna *pizza* u *coke*. Dawn rretornaw f'xi 12:00. Nnega li ddahhal karozza jew van il-gewwa mill-*gates*. PC 1299 baqa jinsisti li ma kien ha ebda flus u ma kien dahhal lil ebda vettura fl-ambient tat-*Trade Fair*.

Louis Fsadni kkonferma li ghamel rapport lill-Pulizija dwar serq ta'*air conditioning units* u tank tal-ilma mill-Kummissjoni Elettorali fit-22 ta'Lulju 2009.

Huwa xhed illi c-cwievet ghal fuq il-bejt kienu jinzammu f'*envelope* fil-kamra tal-Pulizija li jkun *duty* ( a fol. 92).
Spettur Marisa Camilleri, a fol. 104 xhedet li l-imputat kien membru tal-Korp tal-Pulizija, minn 28 ta'Gunju 1994 u ezebiet DOK MC u MC1.

PS 404 Paul Camilleri a fol. 113 et seq, kkonferma li l-impronti digitali DOK PCX 3, 4,5 elevati mill-*air conditioning units*.

PS 950, Alan Buhagiar ikkonferma ir-rapport ta' serq t' *air conditioning units* li gie rregistrat minn Louis Fsadni ghan-nom tal-Kummisjoni Elettorali fil-20 ta'Lulju 2009, u ezebixxxa l-okkorrenza DOK PS

Clayton Muscat kkonferma li l-proceduri kriminali kontra tieghu kienu konkjuzi.A fol 119 xhed li hu u Duncan Vella kienu marru fejn it-*Trade Fair Grounds* ghand habib ta'Duncan ceru Toni li kien watch man li qaghdu jahslu il-karozza tieghu.

Sakemm qaghdu jahslu il-karozza, Clayton xhed li Duncan mar ghat-tank tal-ilma. Waqt li kien hemm: "ghogbu xi *air condition* ghar-ramm" …"nahseb kienu hamsa" (vide a fol. 123) Illi ghalhekk hu mar jghin lil

Duncan jghabbi li *air conditioning units* fil-van ta'Duncan li dan tal-ahhar dahhal gewwa.

Clayton xhed li kienu hu u Duncan li ghabbew l-*air conditioning units* fil-van u hadd aktar( afol 125)

F'hin minnhom gie Toni. Muscat xhed li Vella saq il-van il-barra u waqt li kienu barru kienu rabbtu l-*air conditioning units* u ghattewhom b'lizar barra mill-*gate*.

In kontro ezami (a fol. 130) kkonferma li hu u Toni u l-Pulizija l-iehor kienu qed jahslu il-karozza meta telaq Duncan. Illi hin wara rega gie Duncan. Duncan wera lil Pulizija l-iehor PC Mattew Galea u lil Clayton xi haga fuq il-*laptop*. Wara dan Clayton u Duncan marru jnizzlu l-*air conditioning units* u ghabbuhom. **F'dan il-hin l-imputat ma kienx maghhom ( a fol 133 – 134)**

Duncan Vella a fol. 135 et seq, kkonferma li kien gie sentenzjat fuq s-serqa meritu tal-akkuza flimkien ma Clayton Muscat.

Vella xhed li dak il-lejl mar ma Muscat fejn l-imputat kien ghassa it-*Trade Fair* u bdew jahslu il-karozza. Illi wara ftit hi nil-Pulizija l-iehor telaq minn fuq il-post. Gara li spicca l-ilma u mar jfittex l-ilma ma sabx u spicca fuq il-bejt.

Huwa xhed illi dak il-hin **" qisu dahal ix-xitan fo fijja"** u ddecida li jiehu t-tank u l-*air conditioning units* ghax dehrlu li kienu ghar-rimi.( a fol.139) Hu qalaghhom, nizel ghal-*units* illi jkunu qeghdin fil-kmamar, ghabba kollox fil-*lift* u nizzilhom – xi kwarta kollox ( a fol 139)

Duncan xhed li dahhal il-*van* u ghabba l-*air conditioning units* u t-tank fil-*van* bl-ghajnuna ta'Clayton ( a fol. 140).

Duncan Vella xhed li ma qal xejn lil Toni dwar dak illi ha. Duncan qal li ghabba l-affarijiet, hareg il-barra mill-*gate* bil-*van* u sa dan it-tant lil Toni ma rahx. Wara li hareg il-*van* rega dahal biex jsellem lil Toni ( a fol 142 sa 144)

Dan gie sostnut diversi drabi in segwitu ta’domandi repetuti tal-Qorti – vide fol 147.

Duncan Vella xhed li hu kien jaf li dak il-bini kien kollu ghal-demolizzjoni.

Huwa stqarr illi mill-proceduri kriminali li ghadda minnhom, deher li hu kien qisu nganna lil Toni, izda hu baqa’ jsostni illi jahseb li kollox kien ser jigi demolit Duncan Vella gie dikjarat bhala xhud ostili ( vide fol. 151)

Duncan Vella rega sostna il-verzjoni tieghu li ma qal xejn lill-imputat u li kien qabad u dahhal il-*van* il-ghaliex il-*gate* ma kienitx imsakkra – kemm gholla il-*barrier* u ha it-tank tal-ilma u l-*air conditioning units*– vide fol. 155.

PC 18 Christian Mifsud a fol. 159 xhed li fil-24 ta’Lulju kkonferma li fuq istruzzjonijiet tal-Ispettur Mallia, huwa acceda lejn it-*Trade Fair* u fil-grada ta’wara kien sab oggetti li kienu mghottija b’xi drapp li wara irrizulta illi kienu l-*air conditioning units*. Gie muri PCXY 1 sa 47 u ikkonfemrahom.

PS 90 Jeffrey Gerada, a fol 162, xhed li kien involut fl-investigazzjonijiet tal-kaz odjern ma l-Ispettur Mallia. Huwa qal li rrezulta li l-imputat kien ta il-kunsens tieghu biex Muscat u Vella jdahhlu il-van mill-gate u li PC Matthew Galea kien telaq ftit qabel ghaliex kien baghtu l-imputat u l-imputat kien qal lil Duncan biex ihaffef u jlesti ghaliex kien ser jinbidel is-*shift*. Huwa kkonferma l-istqarrija tal-imputat u r-ritratti PCXY 1 sa 47.

In kontro ezami (a fol. 164) PS Gerada xhed li l-imputat kien cahad fl-*statment,* li kien l-imputat stess li ndika lil Muscat u Vella lill-Pulizija.

PS Gerada xhed li ghalkemm kien prezenti ghal istqarrija tal-imputat, ma kienx prezenti meta dan kien cempel lil Vella u Muscat fil-prezenza ta’Spettur Mallia. Gerada kien mar jigbor l-*air conditioning units* mit-*Trade Fair Grounds* wara li kien mar l-Ispettur Mallia.

Gerada xhed li fis-serqa ma kienx hemm sgass u kien ghalhekk li l-Ispettur Mallia kien qal lill-imputat li bilfors dahhlu hu – a fol. 168.

PC 488 Manuel Cilia ( a fol. 169) xhed li huwa kien *duty* t-*Trade Fair Grounds* mill-10:00pm tat-22 ta' Lulju sa 5:00am tat-23 ta'Lulju. Huwa xhed li kellu jbiddel l-*watch*-ma PC491 li pero kien gia telaq. PC Cilia xhed li l-imputat staqsih jekk riedx jiekol xi haga ghax kellu xi hbieb li kienu se jiehdulu hsieb l-ikel – fil-fatt dawn wasslu xi 11:15pm. Dawn qaghdu barra.

In kontro ezami PS Gerada kkonferma li deher li kien hemm ceru hbiberija bejn iz-zewg irgiel mill-mod ta' kif bdew jkellmu lill-imputat – Huwa qal li diskors ta'wiehed minnhom kien fis-sens pegorattiv - cioe li jbaxxieh u jghajjru 'bahnan' a fol. 172 u 173. Huwa kkonferma li l-imputat beda jipprova jinkludi lil Gerada fid-diskors ta'vella u Mifsud.

Gerada xhed li kien pprova jcempel lill-imputat biex jghdlu li kien ser jasal fl- 9:45pm ghal *handover*, izda l-imputat ma wiegibx it-telephone.( a fol 176)

PC 491 Galea xhed illi kien duty dak il-lejl u kienu gew zewg persuni jsuqu van pick up qalulu li riedu jidhlu ghaliex kienu li jafu lill-imputat. Galea sejjah lill-imputat u dan dahhal liz-zewg persuni, wiehed qaghad jahsel il-karozza li kien qed jahsel l-imputat, u l-iehor gie eskorat mill-imputat lejn il-parti ta'gewwa tal-kumpless.

PC Gerada xhed li l-imputat qallu li seta jitlaq kmieni u fid-9:15 telaq.

Gie ezebit DOK MMX l-atti processwali tal-kumpilazzjoni Pulizija vs Clayton Muscat u Duncan Vella ( a fol 187).

Rokku Schembri a fol 232, xhed li fit-23 ta'Lulju 2009 kien dahal ghax-xoghol fit-*Trade Fair Grounds* – u li ra ilma jcarcar – u meta mar jinvestiga ntebah bis-serqa tal-*air*

*conditioning units*. Ma setghax jiftakar insteraqx ukoll it-tank tal-ilma.

Manuel Sammut a fol. 236 kkonferma x-xhieda ta’Schembri u qal li ra l-*air conditioning units* mwahhlin posthom fil-gurnata ta’qabel s-serqa fil-4:30pm.

Vincent Curmi ghan-nom ta’ *Scicluna Estates* kkonferma li affarijiet in kwistjoni kienu gew mikrija lil Kummissjoni Ellettorali u li l-*fixtures* inkluz l-*air conditioning units* kienu taghhom. Dawn kienu antiki u la inxtraw minnhom la u lanqas l-*Electoral Commision*, izda kienu gew misjuba minn *Scicluna Estates* in segwitu ta’ wahda mill-kirjiet tal-ambient shih ( a fol. 248 sa fol. 2490

PC 1247 Massa xhed li fl-investigazzjoni tal-kaz u wara diversi domandi tal-Ispettur Mallia l-imputat ddikjara li kien dahhal lil xi hadd biex jiehu t-tank tal-ilma (a fol. 252).

PC Massa xhed li l-imputat beda jcempel lil xi hadd fil-prezenza tal-Ispettur Mallia.

Spettur Michael Mallia, a fol 258, ezebixxa DOK ZMM, ittra ta’ Dr Silvio Camilleri tas-26 ta’Lulju 2009.

Supretendent Sandro Zarb a fol. 263, xhed li l–imputat kien ghamel tlett (3) snin stazzjonat mieghu. Ikkonferma li l-imputat **kien ubbidjenti ,u herqan ghax-xoghol u kien jaghmel *extra duty*:**

**“Jiena kont nistmah daqs it-tlett ufficjali l-ohra – qatt ma kelli problemi maghhom u konna nimxu b’ceru armonija”**

Spettur Mario Haber a fol 268 xhed li l-imputat kien stazzjonat mieghu ghal xi sentejn u nofs**. Huwa kkonferma li l-imputat kien jaghmel dak kollu li kien qabdu u kien jafdah b’ghajnejh maghluqa ghaliex kien hemm xoghol delikat u kien jirrekdji ceru fiducja – ( passaport t’immigranti u flus u effetti taghhom) a fol 269. Kien ukoll jkun skorta ghal *VIP’s protection* u kien jaghmel hafna *extra duty*.**

Spettur Nezzren Grixti kkonferma li l-imputat kien hadem diversi xhur mieghu.  Huwa xhed li fuq ix-xoghol kien ikun hemm hafna affarijiet ta’natura sensittiva, diversi ezebiti, u flejjes .

**Spettur Grixti xhed li kien jafda lil-imputat u kien ghadu jafdah sal-llum a fol. 276**.  Kkonferma li mart l-imputat kellha *busines*s u  li l-imputat kien kostrett jaghzel bejn dan ix-xoghol u xoghol mal-Korp tal-Pulizija  u fil-fatt ghazel li  jibqa fil-Korp tal-Pulizija ( a fol 277)

Spettur Grixti xhed li l-imputat kien jifforma parti mill-Pulizija u li kien skorta mal-Prim Miinstru (a fol 279)

L-imputat xhed li dak in-nhar huwa  kien xoghol *extra duty Trade Fair.*  Huwa xhed li kien rcieva telefonata minghand Duncan Vella (habib li kien jafu mill-muzew fi tfulitu) u li dak il-hin kien fil-kumpanija tal-Ispettur Edmond Cushieri.  Dan l-ahhar fil-fatt kellmu waqt l-istess telefonata.  Meta wasal it-*Trade Fair Grounds* sab il PC Matthew Galea u ghamlu *patrol*.  Kien hemm diversi haddiema qieghdu jzarmaw l-affarijiet minn fuq il-post ghaliex kien ser jigi demolit.  Kien hemm ukoll xi zaghzagh bir-roti li kien dahhalhom  PC Galea.

Wara il-patrol, Galea u l-imputat ddecidew li jahslu il-karozzi taghhom vicin tal-vit b’mod li  l-*gate* ma kienitx tidher ( a fol 285)

Gie habib iehor ta’Galea li ghad jitkellem mieghu ghal xi ghaxar (10) minuti u wara semghu daqq ta’*horn* u Galea mar mall-*gate* u sab lil Duncan Vella . Dan Vella ried ikellem lil PC 1299 fuq il-*Vat Returns* ta’missier Vella li kien ghadu kemm  miet.  Komplew jitkellmu u jahslu il-karozzi – u spicca l-ilma.  Duncan offra li jmur siblu ftit ilma x’imkien iehor.  Nel frattemp bdew jaghtu il-*polish*  lill karozzi.

F’hin minnhom gie Duncan u qallu li kien ser jiehu tank tal-ilma.  L-imputat xhed li wiegbu “ **tghidx hmerjiet Duncan ma tarax**.”  Wara dan PC Matthew  Galea hareg

il-*laptop* u Duncan Clayon PC Matthew galea marru fil-*watch room* – li hi m'ghammra bl'*internet* u ghadu fuq *Facebook*.

l-imputat baqa jippollixxja il-karozza tieghu. F'xi 9:30pm Matthew talbu biex jmur u hallih. Ftit aktar tard Duncan qallu li kienu sejrin ghaliex kellu il-guh li offra li jixtrilu *pizza*. L-imputat tah ghaxar Ewro biex igibulu pizza u coke. **Hargu kif dahhlu cioe bil-mixi** u telqu ( a fol 290) u ftit wara gabulu il-*pizza* – kiluha u telqu.

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi fuq prodotti jirrizulta b'mod car illi Duncan Vella u Clayton Muscat nasbu lil PC 1299 u dahhluh fi xkora. Duncan Vella cempillu waqt li kien fil-kumpanija tal- Ispettur Cushieri u dan sabiex isahhah id-dehra tal-legittimita.

Illi meta wasal fit-Trade Fair Grounds Duncan Vella ghamel ta' bi ruhu li sempliciment kien gie biex ikellmu u jitolbu parir dwar il-*Vat Returns* ta' missieru li kien ghadu kif miet. L-imputat kien qallu li ghandu ifittex parir t' Avukat.

Duncan inganna lill-imputat u ipprofitta mill-genwinita tieghu u mill-hbiberija li kienet tmur lura ghat-tfulija fil-muzew.

Mhuwiex verosimili li l-Pulizija ta'certu ammont ta' servizz, b'dikjarazzjonijiet lodevoli dwar ir- reputazzjoni tieghu minn tlett Ufficjali gholja tal-Pulizija li hadmu mieghu ghal ceru tul ta'snin, sejjer jaghmel **volte face** fil-personalita tieghu biex jintrometti lilu nnifsu f'serq ta' oggetti **li kienu intizi sabiex jintremew mill-entita indikata fl-akkuza li kienet intenzzjonata sabiex tidemolixxi il-bini kollu.**

Wiehed jista' jasal ghal diversi konkluzzjonijiet dwar l-imputat u cioe li kien zbalja meta dahhal zewg guvintur minn gewwa l-grada li huwa kien tenut li jissorvelja ; li kien

naqas mid-doveri tieghu meta minflok jghasses mal-*grounds tat-Trade Fair* jintilef fil-hasil tal-karozza tieghu u tleqqiq taghha; li kien ingenwu meta halla lil habib tieghu, li kien ilu jafu meta kien tifel fil-muzew jidhol il-gewwa fil-kumpless biex ifittex barmil ilma.

Dan ma jfissirx li l-imputat kien komplici f'serq, u jirrizulta b'mob ampju li l-imputat a tempo vergine u tul il-proceduri kollha, baqa' jinnega l-involviment tieghu f'din is-serqa. Illi di piu l-imputat li fl-ahhar intebah bl-ingann tal-"hbieb" tieghu, ghamel it-telefonata fil-prezenza tal-Ufficjal Prosekutur li wassal sabiex tigi rizolta is-serqa u jigu procesati il-persuni li verament wettquha apparti li giet retornata ir-res furtiva.

Dan pero ma jfissirx illi il-prosekuzzjoni ipprovat il-mens rea u l-actus reus li il-ligi tirrikjedi ghas-serqa.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti issib lill-imputat mhux hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------